# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 11 ta' Jannar 2022**

**Kawza Numru: 18**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 527/2021 JVC**

**Marie Therese Zammit**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Marie Therese Zammit ikkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti twieldet bhala Marie Therese Scerri kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid taghha hawn anness u mmarkat bhala Dok '**A**';

2. Illi l-esponenti zzewget lil Martin Gaetano Joseph Carmel Zammit fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) f'Essex, l-Ingilterra, hekk kif jirrizulta mic-certifkat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok '**B**';

3. Illi l-esponenti ottjeniet divorzju f'pajjiz esteru ossia fl-Ingilterra fit-tmienja (8) ta' Frar tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) (Dok '**C**'), liema divorzju gie rikonoxxut mill-awtoritajiet Maltin kif anke jirrizulta mill-annotazzjonijiet tal-istess Att taz-Zwieg sureferit;

4. Illi *ai termini* tal-Artikolu 66L(4)(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-mara ghandha l-fakulta li terga' lura ghal kunjom xbubitha wara li tottjeni divorzju;

5. Illi peress li d-divorzju taghha gie rikonoxxut hawn Malta, l-esponenti tixtieq li hi terga' lura ghal kunjom xbubitha kif tippermetti l-ligi, daqs li kieku d-divorzju sar hawn Malta;

6. Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-artikolu 253 *et sequitur* tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghtu dritt lil kull persuna taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili;

Ghaldaqstant l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tawtorizza lill-esponenti terga' lura ghal kunjom xbubitha;

2. Tiddikjara *ai finijiet* u l-effetti kollha tal-ligi li kunjom l-esponenti ghandu jkun 'Scerri' u mhux aktar 'Zammit';

3. Tordna lill-intimat jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha mehtiega fl-atti pubblici relattivi ghar-rikorrenti, inkluz fic-certifikat taz-zwieg numru hawn anness u dan billi kull fejn hemm indikat kunjom ir-rikorrenti ghandu jidher biss bhala 'Scerri'

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa issa ngunt ghas-subizzjoni'.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

**1.** 'Illi in vena preliminari, huwa essenzjali għall-integrità tal-ġudizzju li r-rikorrenti titlob korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawża ai termini tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi skont l-Att tat-Twelid tagħha, ippreżentat minna stess, anness mar-rikors promotur u mmarkat 'Dok A', l-isem li jappartjeni lilha huwa 'Marie Therese' u mhux 'Marie Theresa';

**2.** Illi ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

**3.** Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jissottometti illi huwa mhux edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors promotur;

**4.** Illi mill-Att taż-Żwieġ bin-numru ta' iskrizzjoni progressiv 462 tas-sena 2013, jirriżulta illi Marie Therese otherwise Maroushka Tellings u Martin Gaetano Joseph Carmel Zammit iżżewġu fil-21 ta' Ġunju 2011 f'Essex l-Ingilterra, u l-mara għażlet illi tieħu kunjom żewġha;

**5.** Illi mill-istess Att taż-Żwieġ, li jinsab anness mar-rikors promotur intavolat mir-rikorrenti u mmarkat 'Dok B', u b'mod specifiku mill-annotazzjoni ta' fuqu, jirriżulta illi Marie Therese Zammit u Martin Gaetano Joseph Carmel Zammit ottjenew sentenza ta' divorzju minn HM Courts & Tribunals Service fl-Ingilterra fit-22 ta' Diċembru 2020, li ġiet reża eżekuttiva fit-8 ta' Frar tas-sena 2021. L-annotazzjoni li tniżżlet mill-konvenut saret abbażi tas-sentenza ta' divorzju msemmija. Kif jirriżulta mill-istess sentenza, li tinsab annessa mar-rikors promotur u mmarkata 'Dok. C', ma hemm ebda indikazzjoni illi l-attriċi rrivertiet għal kunjom xbubitha u għaldaqstant, il-konvenut ma setax jagħmel tali bidla fil-konjom mingħajr awtorizzazzjoni;

**6.** Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponent jiddikjara illi fir-rigward tat-talbiet attriċi, jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv illi l-provi prodotti jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi u li jkunu rrispettati r-regoli proċedurali;

**7.** Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward tat-tielet talba attriċi, ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-atti tal-istat ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri

ta' dik il-persuna, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għalhekk, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest mir-rikorrenti, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti għandha tispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

**8.** Illi finalment u bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

**9.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.'.

Rat illi fil-verbal tallum Dr Sultana ghan-nom tar-rikorrenti in vista tal-ewwel eccezzjoni talbet korrezzjoni fir-rikors guramentat sabiex kull fejn kien hemm indikat l-isem Theresa dan jigi jaqra Therese u rat illi din il-Qorti laqghet it-talba;

Rat illi ghaldaqstant l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat giet sorvolata;

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni skont il-Ligi esebita a fol. 24 tal-process;

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat minn fejn jirrizulta li effettivament ir-rikorrenti ottjeniet id-divorzju u sa minn dak iz-zmien hija bdiet tuza kunjomha xebba Scerri, ghalhekk hija gjustifikata t-talba taghha sabiex mill-kunjom Zammit tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Scerri;

Ghaldaqstant in vista ta' dan il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gjustifikati u se tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimata bhala sorvolata u tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel talba u tawtorizza lir-rikorrenti terga' lura ghal kunjom xbubitha 'Scerri';

3. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara *ai finijiet* u l-effetti kollha tal-ligi li kunjom ir-rikorrenti ghandu jkun 'Scerri' u mhux aktar 'Zammit';

4. Tilqa' t-tielet talba u tordna lid-Direttur intimat jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha mehtiega fl-atti pubblici relattivi ghar-rikorrenti fil-poter tad-Direttur intimat, inkluz fic-certifikat taz-zwieg bin-numru 462 tas-sena 2013 esebit a fol. 20 tal-process u dan billi kull fejn hemm indikat kunjom ir-rikorrenti ghandu jidher biss bhala 'Scerri';

5. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**11 ta' Jannar, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**11 ta' Jannar, 2022**